**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 8

It-Tlieta, 7 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – ĦADDIEMA ĠODDA

**19. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni rikjesta għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

### MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – ĦADDIEMA ĠODDA

**20. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 8
07/07/2026

### MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – ĦADDIEMA ĠODDA

**21. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tiġi miġbura u tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 8
07/07/2026

### MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – ĦADDIEMA ĠODDA

**22. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – ĦADDIEMA ĠODDA**

**23. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TNEDIJA TAL-VIŻJONI MALTA 2050**

**24. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġiet tiswa t-tnedija tal-Viżjoni Malta 2050 f'Bieb il-Belt?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU - MIŻURI**

**52. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti qegħdin jittieħdu biex is-sistema tat-trasport pubbliku f'pajjiżna titjieb u jkun żgurat li t-trasport ikun iktar puntwali, ta' min joqgħod fuqu (reliable) u komdu (mhux iffullati bin-nies)?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TALLINJA CARD**

**53. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ġiet introdotta t-Tallinja Card? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-ispiża biex tagħmel Tallinja Card ġdida u kemm kienet tiswa Tallinja Card ġdida meta ġiet introdotta?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TALLINJA CARD - APP**

**54. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex persuni jkunu jistgħu jużaw l-app, minflok it-Tallinja Card fuq il-karozzi tal-linja?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**VILLAĠĠ TAL-KARNIVAL - RENDIKONT**

**55. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' fiex wasal il-proġett tal-villaġġ tal-karnival? Jista' jgħid ukoll meta dan il-proġett hu ppjanat li jinfetaħ biex jintuża, min huwa l-kuntrattur u jekk tqabbadx b'direct order jew le?

22/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern huwa kommess li jitkompla x-xogħol fuq l-Arts and Culture Hub fil-Marsa. Dan il-proġett huwa wieħed mill-akbar investimenti fis-settur tal-arti u l-kultura hekk kif il-kumpless mhux biss se jinkludi ċentru bil-faċilitajiet kollha li għandhom bżonn l-artisti li jtellgħu l-Karnival iżda wkoll spazji attrezzati għal varjetà ta' artisti u forom tal-arti oħra. Din hija wegħda ċara fil-programm elettorali tal-Gvern. Dan il-proġett ser jinqasam f'fażijiet u jien infurmat li x-xogħol fuq il-l-ewwel fażi tal-proġett imsemmi bħalissa jinsab fl-istadju ta' l-iskavar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**XANDIR PUBBLIKU - PREŻENTATURI**

**56. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-preżentaturi fix-xandir pubbliku bħalissa huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li mill-informazzjoni mgħoddija lili, fix-xandir pubbliku hemm 150 preżentatur raġel u 67 preżentatriċi nisa.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**KURA GĦALL-KANĊER - TFAL**

**57. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' tfal li qegħdin jirċievu l-kura għall-kanċer bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li bħalissa hemm 20 tifel/tifla jirċievu kura għall-kanċer.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - APPLIKAZZJONIJIET**

**162. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull ċirkulari jew internal guidelines maħruġa lill-Awtorità tad-Djar dwar il-prijoritizzazzjoni tal-applikanti għall-akkomodazzjoni soċjali?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li persuna li tixtieq tibbenefika mill-iskema trid l-ewwel tissottometti applikazzjoni flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa. L-applikazzjoni mbagħad tiġi vverifikata sabiex jiġi kkonfermat li hija eliġibbli għall-evalwazzjoni.
Ġaladarba l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata eliġibbli, isir assessment inizjali minn professjonisti u tiġi kkwalifikata permezz ta' sistema ta' punti prestabbilità. Din is-sistema hija mfassla biex tiżgura li l-evalwazzjoni tkun oġġettiva, trasparenti u konsistenti, u mhux ibbażata fuq opinjonijiet personali.
Il-punti mogħtija jwasslu għal klassifikazzjoni ta' prijorità li tindika l-livell ta' ħtieġa jew urġenza tal-applikazzjoni. Skont il-punteġġ miksub, l-applikazzjoni tiġi kklassifikata bħala:

- Baxx
- Medju
- Għoli
- Għoli Ħafna

Id-deċiżjoni finali dwar l-allokazzjoni tittieħed mill-Board tal-Allokazzjonijiet u tiġi kkomunikata lill-applikant skont il-proċeduri stabbiliti.

Seduta Numru 8
07/07/2026

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - SPECIAL CONSIDERATIONS JEW URGENT ALLOCATIONS

**163. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' akkomodazzjoni soċjali ġie approvat fuq bażi ta' "special consideration" jew "urgent allocation" matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 u x'kienu r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull każ jiġi evalwat fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti minn Kumitat tal-Allokazzjonijiet li jiddetermina l-prijorità tal-allokazzjoni. Ikun hemm ċirkostanzi fejn ikollhom jingħataw appoġġ urġenti biex ħadd ma jispiċċa mingħajr saqaf fuq rasu, u ċert, li l-Onor. Interpellant huwa sensittiv għal tali realtajiet. M'għandix dubju li, kif anke stqarr l-Onor. kollega innifsu xi jiem ilu fuq il-mezzi soċjali *"Huwa sewwa li min hu intitolat għall-għajnuna tal-Gvern jirċeviha anzi jirċeviha bi dritt."* Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra screenshot tal-istess post ta' Facebook tal-Onor. Interpellant.
Infurmat li fil-perjodu msemmi kien hemm (5) każijiet ta' allokazzjonijiet urġenti li kollha kienu relatati ma' kerrejja f'każijiet ta' kiri ta' qabel l-1995 fejn il-Qorti ordnat l-iżgumbrament. Infurmat li f'kull każ ġiet segwita l-proċedura stabbilita kif spjegata aktar 'il fuq.

Seduta Numru 8
07/07/2026

## CONSTRUCTION PERMITS

**164. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati construction permits matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, maqsuma skont il-lokalità u t-tip ta' żvilupp?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI**

**165. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-permessi għall-bini approvati matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 għal:
(i) blokok ta' appartamenti;
(ii) lukandi;
(iii) high-rise developments;
(iv) commercial complexes;
(v) industrial developments; u
(vi) villas u bungalows?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex din l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI APPROVATI MINKEJJA RAKKOMANDAZZJONI TA' RIFJUT MID-DIRETTORAT TAL-IPPJANAR**

**166. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-permessi għall-bini approvati matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 ġew approvati minkejja rakkomandazzjoni ta' rifjut mid-Direttorat tal-Ippjanar?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex din l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI FUQ ART ODZ**

**167. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati permessi għall-bini fuq art ODZ matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex din l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**GĦAWDEX – SKWADRA TA' KONTRA D-DROGA – INVESTIMENT U RIŻORSI**

**456. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jsir investiment fi skwadra ta' kontra d-droga f'Għawdex u, jekk iva, x'riżorsi, inklużi riżorsi umani, huma mistennija li jiġu allokati għal dan il-għan u jispeċifika meta se jsir tali investiment?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pulizija għandha skwadra ta' kontra d-droga li tkopri l-pajjiż kollu, inkluż Għawdex.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**GĦAWDEX – KORP TAL-PULIZIJA – VETTURI**

**457. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm vetturi, inklużi muturi, allokati għal-Korp tal-Pulizija fid-distrett ta' Għawdex u jagħti d-dettalji dwar il-mudell u s-sena ta’ manufattura tal-imsemmija vetturi u muturi? Jista’ jgħid ukoll jekk dawn il-vetturi humiex l-istess bħal dawk użati mill-pulizija stazzjonati f'Malta, u jekk le, x’inhi r-raġuni?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma hemmx distinzjoni bejn vetturi f’Malta u Għawdex.
L-informazzjoni mitluba qed tingħata fit-tabella t’hawn taħt.

| | **Make** | **YOM** | **Nature** | **Model** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Toyota | 1983 | Van | Hilux |
| 2 | Ssangyong | 2022 | Truck | Musso |
| 3 | Ssangyong | 2022 | Truck | Musso |
| 4 | Hyundai | 2025 | Hatchback | I20 |
| 5 | Honda | 2007 | Hatchback | Civic |
| 6 | AEON | 2015 | Quad Bike | AU20 |
| 7 | Toyota | 2017 | Truck | DYNA |
| 8 | Hyundai | 2025 | SUV | Kona EV |
| 9 | Ford | 2002 | Panel Van | Transit |
| 10 | SYM | 2023 | Motorcycle | SYMPHONY ST |
| 11 | SYM | 2023 | Motorcycle | SYMPHONY ST |
| 12 | Ford | 2013 | Saloon | Focus |
| 13 | Fiat | 2017 | Hatchback | Tipo |
| 14 | Ford | 2013 | CABIN VAN | Transit |
| 15 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 16 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 17 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 18 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 19 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 20 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 21 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 22 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 23 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 24 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 25 | BMW | 2018 | Motorcycle | F800 GT |
| 26 | Peugeot | 2019 | Hatchback | 308 |
| 27 | Peugeot | 2019 | Hatchback | 308 |
| 28 | Peugeot | 2019 | Hatchback | 308 |
| 29 | Peugeot | 2019 | Hatchback | 308 |
| 30 | Ford | 2011 | Saloon | Focus |
| 31 | Hyundai | 2020 | Jeep | Tucson |

Seduta Numru 8
07/07/2026

**GĦAWDEX - PULIZIJA, FORZI ARMATI U PROTEZZJONI ĊIVILI – ŻIEDA FL-UFFIĊJALI U MEMBRI**

**458. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jiżdiedu l-uffiċjali tal-Pulizija, il-Membri tal-Forzi Armati u tal-Protezzjoni Ċivili f'Għawdex u jekk huwa l-każ, meta huwa ppjanat li jsir dan u kemm huwa n-numru ta' persuni/uffiċjali li se jiżdiedu, kif ukoll ir-rank tagħhom?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Risposta tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IX-XEWKIJA – PROTEZZJONI ĊIVILI – POST ALTERNATTIV**

**459. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jsib post alternattiv għall-membri tal-Protezzjoni Ċivili li bħalissa jinsabu stazzjonati ġewwa x-Xewkija, Għawdex, u preżentement qegħdin joperaw minn ġo portable containers?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li iva nikkonferma illi d-dipartiment qiegħed ifittex post alternattiv.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**FAST FERRY MILL-IMĠARR, GĦAWDEX GĦALL-BELT VALLETTA – VJAĠĠ TAD-8:45 A.M.**

**460. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għaliex il-vjaġġ tad-8:45 a.m. mhuwiex inkluż fl-iskeda tas-servizz tal-fast ferry mill-Imġarr, Għawdex għall-Belt Valletta? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li dan il-vjaġġ jiġi introdott?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**FAST FERRY – PRIORITY BOARDING – RESIDENTI GĦAWDXIN**

**461. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li tidħol fis-seħħ is-sistema ta' priority boarding għar-residenti Għawdxin fuq is-servizz tal-fast ferry?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IL-PALAZZ TA' SELMUN – XOGĦLIJIET**

**492. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr fil-Palazz ta' Selmun, x'inhu l-istadju attwali tal-proġett, u jekk hemmx timeline stabbilita għat-tlestija tiegħu?

30/06/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IL-PALAZZ TA' SELMUN – PJAN TA' RESTAWR JEW KONSERVAZZJONI**

**493. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Palazz ta' Selmun hux inkluż fi pjan ta' restawr jew konservazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħu, u jekk iva, meta mistennija jibdew ix-xogħlijiet u x'inhu l-iskop tagħhom?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĠESTJONI U MIŻURI RELATATI MAT-TRAFFIKU – UŻU TAL-AI**

**494. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-progress tal-Gvern fl-użu jew l-adattament tal-intelliġenza artifiċjali (AI), fil-ġestjoni tat-traffiku u fil-miżuri relatati mat-traffiku? Jista' jgħid ukoll liema proġetti pilota, tenders jew sistemi diġà ġew ippjanati jew implimentati?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MALTA – PROBLEMA TAL-PARKEĠĠ – PJAN ĦOLISTIKU**

**495. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjan ħolistiku biex jindirizza l-problema tal-parkeġġ madwar il-pajjiż, u jekk iva, jipprovdi dettalji dwar il-miżuri ppjanati, il-lokalitajiet prijoritarji, il-miri u t-timeline għall-implimentazzjoni?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ORGANIZZAZZJONIJIET MHUX GOVERNATTIVI – ĠBIR TAL-ISKART – RIFORMI**

**496. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx riformi ppjanati dwar il-ġbir tal-iskart minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, inkluż santwarji u għaqdiet li jieħdu ħsieb l-annimali, u jekk iva, x'inhuma dawn ir-riformi u meta mistennija jidħlu fis-seħħ?

30/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Fil-preżent id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni m'għandha fis-seħħ l-ebda arranġament biex jinġabar b'mod sistematiku l-iskart minn xi organizzazzjoni mhux governattivi u ma kellna l-ebda diskussjoni f'dan ir-rigward.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**BLUE BADGE – KRITERJI**

**502. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-kriterji li jiġu kkunsidrati meta jiġu evalwati l-applikazzjonijiet għall-blue badge u għall-personalised blue badge?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kriterji tal-eliġibbiltà tal-Blue Badge huma regolati mill-Artiklu 13 tal-Att 560 ta' 2017 – Att biex jipprovdi għal Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għall-Persuni b'Diżabilità. L-evalwazzjoni ssir skont il-lista ta' kriterji ta' eliġibilità tal-Att imsemmi.
Kull Blue Badge tinħareġ personalizzata fuq id-detentur, inkluż bl-isem u l-kunjom, ritratt, u firma.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**BLUE BADGE – APPROVAZZJONIJIET**

**503. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew approvati blue badges bejn Jannar 2025 u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar? Tista' tgħid ukoll kif dawn il-blue badges huma maqsuma skont il-lokalitajiet differenti?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra it-tabella bin-numru ta' Blue Badges li ġew approvati minn Jannar 2025 sa Mejju 2026, maqsuma xahar b'xahar (Tabella numru 1 minn 2). Minħabba li x-xahar ta' Ġunju 2026 għadu kif ġie konkluż, informazzjoni relatata man-numru ta' approvazzjonijiet matul dan il-perjodu hija fil-proċess li tiġi konsolidata.
Il-figuri provduti bħala Blue Badges approvati jinkludu Blue Badges maħruġa fuq persuni b'diżabilità għall-ewwel darba, Blue Badges imġedda, u Blue Badges stampati mill-ġdid f'każijiet ta' Blue Badges irrappurtati bħala mitlufa jew imkagħbra.
Ninfurmaha wkoll li qiegħda inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra it-tabella li tindika kif dawn il-blue badges huma maqsuma skont il-lokalitajiet differenti (Tabella numru 2 minn 2). Din it-tabella tirrifletti l-Blue Badges li għadhom validi, jiġifieri dawk li għadhom ma skadewx, li ma ġewx irritornati minħabba mewt tad-detentur, u li ma ġewx irrappurtati bħala mitlufa jew imkagħbra.
Kull Blue Badge tiġi stampata b'perjodu ta' validità li jista' jvarja bejn sena (1) u ħames (5) snin, skont il-massimu regolat mill-Artiklu 8 tal-Att 560 ta' 2017 – Att biex jipprovdi għal Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – RESERVED PERSONALISED PARKING BAYS – ELEĠIBILITÀ**

**504. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji tal-eliġibbiltà għal reserved personalised parking bay għall-persuni b'diżabilità?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija pubblika u tista' titniżżel flimkien mal-applikazzjoni mill-website ta' Transport Malta. Kopja tal-iscreenshot tal-website qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – RESERVED PARKING BAYS – ELEĠIBILITÀ**

**505. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji tal-eliġibbiltà għal reserved parking bay (mhux personalised) għall-persuni b'diżabilità?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija pubblika u tista' titniżżel flimkien mal-applikazzjoni mill-website ta' Transport Malta. Kopja tal-iscreenshot tal-website qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – COMMUNAL PARKING BAYS – ELEĠIBILITÀ**

**506. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji tal-eliġibbiltà għal reserved communal parking bay għall-persuni b'diżabilità?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 505.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – RESERVED PARKING BAYS**

**507. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw reserved parking bays għal persuni b'diżabilità minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni wkoll skont it-tip ta' reserved parking bay (personalised, communal, eċċ.)?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**GUARDIANSHIP ORDERS – APPLIKAZZJONIJIET TA' TIĠDID**

**524. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm applikazzjonijiet għal tiġdid ta' guardianship orders? Tista' tgħid ukoll kemm tmur lura l-aħħar applikazzjoni ta' tiġdid?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm tmienja u erbgħin (48) applikazzjoni ta' tiġdid f'fażijiet differenti t'ipproċessar. L-aħħar applikazzjoni ġiet sottomessa l-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2026.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**KAROZZI ĠODDA**

**531. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu karozzi ġodda matul is-snin 2023, 2024, 2025 u matul l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**KAROZZI IMPURTATI SECOND-HAND**

**532. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impurtati karozzi second hand matul is-snin 2023, 2024, 2025 u l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**LIĊENZJI TAL-MUTURI**

**533. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn sewwieqa li għandhom liċenzja tal-mutur u jaqsam din l-informazzjoni skont liema kategorija hija? Jista' jgħid ukoll jekk hux ippjanat li jsir iktar inkoraġġament biex jintużaw iktar muturi u roti elettriċi?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI LI XTRAW VETTURI JAĦDMU BL-ELETTRIKU**

**534. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li xtraw vettura li taħdem kompletament bl-elettriku jew tkun parzjalment taħdem bl-elettriku, matul is-snin 2024, 2025 u l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026, maqsuma sena b'sena u skont il-kategoriji tal-vetturi/muturi?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ASFALTAR TA' TOROQ**

**535. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru kilometri t'asfalt ta' toroq matul is-snin 2024, 2025 u l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża fuq dan ix-xogħol għall-perjodu msemmi?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**HOUSING ESTATES TAL-GVERN – PROĠETT TA' MANUTENZJONI**

**536. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett ta' manutenzjoni fil-Housing Estates tal-Gvern, madwar Malta u Għawdex kollu? Jista' jgħid ukoll kemm sar xogħol ta' manutenzjoni fl-oqsma tal-bini tal-Gvern matul is-snin 2024, 2025 u l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026?

30/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Rigward ix-xogħlijiet elenkati għas-sena 2026 (Jannar sa Ġunju) minn total ta' 79 blokka previsti fil-programm għal din is-sena, tlestew 36 blokka, li jirrappreżentaw 45.6% tal-programm annwali.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IL-ĦAMRUN – TRIQ SAN ĠORĠ PRECA – XOGĦLIJIET**

**539. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tkun lesta kompletament Triq San Ġorġ Preca fil-Ħamrun? Jista' jgħid ukoll x'wassal biex din it-triq għadha mhijiex lesta sal-lum?

30/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq San Ġorġ Preca, Ħamrun, hija triq li inkludiet it-tibdil tas-servizz fosthom drenaġġ, 'stormwater', cable tal-Enemalta, 'potable water', kif ukoll streetlighting ġdid. It-triq kellha disinn ġdid minħabba r-rotta taċ-ċiklisti li tgħaddi minn din it-triq. Saru ukoll pavimenti ġodda kif ukoll parking bays tal-konkos għal parking tal-karozzi fit-triq. Dan ix-xogħol baqa' dieħel ukoll sa l-ewwel biċċa ta' Triq Nazzjonali l-Ħamrun.

Dan ix-xogħol kellu jinqasam f'żewġ fażijiet minħabba l-iskola St. Joseph li tinsab f'nofs tat-triq. L-ewwel parti kienet minn Triq Joe Gasan sa Triq Mountbatten u it-tieni fażi saret minn Triq Mountbatten sa Triq il-Kbira, San Ġużepp. Minħabba l-operat tal-iskola, fejn l-operat tat-transport tat-tfal ma setax jitħarbat waqt il-ħinijiet tal-iskola, x-xogħol ġie ffukat fuq l-ewwel fażi fil-perjodu tas-Sajf meta l-iskola kienet magħluqa, bi ftehim mal-istess skola. Ix-xogħol tal-asfalt fl-ewwel fażi tat-triq, mingħajr il-wearing, sar ukoll fil-perjodu tas-Sajf meta l-iskola kienet magħluqa.

Ix-xogħlijiet tat-tieni fażi, li jinkludu parti minn Triq Mountbatten sa Triq il-Kbira San Ġużepp, bdew minnufih wara t-tlestija tal-ewwel fażi. L-asfalt tat-tieni fażi tat-triq ma setax isir minħabba l-perjodu tal-eżamijiet li jsiru fl-iskola ta' St. Joseph u kif ukoll l-operat tal-iskola innifisha. Għaldaqstant ix-xogħol tal-asfalt tat-tieni parti tat-triq, dik minn Mountbatten sa Triq il-Kbira, San Ġużepp, mingħajr il-wearing, huma ppjanati li jsiru fil-ġranet li ġejjin, fejn ħa jsir bini ġdid tat-triq innifisha.
Ix-xogħol tal-wearing, li ħa jkun qiegħed jinkludi, Triq Joe Gasan, Ħamrun, Triq San Ġorġ Preca (iż-żewġ fażijiet) u Triq il-Kbira, San Ġużepp (quddiem il-bus stop Blata l-Bajda 1), ħa jkun qiegħed isir bejn fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**NEW WATER DISPENSER N188**

**541. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara li jiġi risolt l-inkonvenjent fir-rigward tan-New Water Dispenser bin-numru N188, li ilha bla ilma għal kważi aktar minn tliet ġimgħat?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li d-dispenser li qiegħda tirreferi għalih l-Onor. Interpellant safa fil-mira ta' att kriminali (serq), dan sabiex jittieħed minnu ilma bla limitu. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mhux biss qiegħda ssewwi l-ħsarat li sarulu, imma wkoll qed tinvestiga u tassigura li jittieħdu l-passi neċessarji biex att simili ma jirrepetix ruħu. Id-dispenser mistenni jerġa' jkun operattiv fil-ġranet li ġejjin.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA – STATISTIKA**

**548. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 406 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 60 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

01/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA**

**549. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 407 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 65 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

01/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 70 SENA – STATISTIKA**

**550. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 408 u jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 70 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

01/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IVF – TRABI MWIELDA – KOPPJI TAL-ISTESS SESS**

**565. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu trabi permezz tal-IVF minn koppji tal-istess sess?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li d-donazzjoni tal-gameti ġiet fis-seħħ fl-2018, u minn dakinhar twieldu 44 tarbija lill-koppji femminili tal-istess sess.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TRABI MWIELDA – DONAZZJONIJIET TA’ GAMETI**

**566. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu trabi permezz ta’ donazzjoni ta’ gameti, u jaqsam dawn iċ-ċifri skont l-istejjer ta’ suċċess minn donazzjonijiet ta’ oocytes u spermatozoa?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li d-donazzjoni tal-gameti ġiet fis-seħħ fl-2018, u minn dakinhar twieldu total ta’ 88 tarbija permezz ta’ gameti donati, skont kif jidher hawn taħt:
51 tarbija bl-użu ta’ dOnor. sperm
30 tarbija bl-użu ta’ dOnor. oocytes u
7 trabi li twieldu bl-użu kemm ta’ dOnor. sperm u ta’ dOnor. oocytes.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**TAKE HOME BABY RATE**

**567. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’inhi t-take home baby rate mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam dawn iċ-ċifri sena b’sena?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-National Take Home Baby Rate mill-2013 sas-sena 2025 hija kif indikat hawn taħt:
2013 – 18.00%
2014 – 18.90%
2015 – 18.79%
2016 – 20.15%
2017 – 16.78%
2018 – 18.70%
2019 – 17.74%
2020 – 15.44%
2021 – 20.62%
2022 – 26.64%
2023 – 26.59%
2024 – 35.72%
2025 – 45.01%

Seduta Numru 8
07/07/2026

## IVF – PERSENTAĠĠ TAT-TWELID

**568. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm żdied il-persentaġġ ta' twelid permezz tal-IVF mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam dawn iċ-ċifri maħruġa sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żieda fil-persentaġġ ta' twelid minn proċeduri tal-IVF mill-2013 sas-sena 2025 hija ta' 25.01%. Dan għaliex fl-2013 meta saru l-ewwel proċeduri tal-IVF regolati, it-Take Home Baby Rate kienet 18%, u fl-2025 it-Take Home Baby Rate issa hija 45.01%.

Seduta Numru 8
07/07/2026

## IVF – MEDIĊINI B'XEJN – INTRODUZZJONI U INVESTIMENT ALLOKAT

**569. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ġew introdotti l-mediċini b'xejn tal-IVF u x'investiment alloka dan il-Gvern fuq dawn il-mediċini, sena b'sena minn meta bdew jiġu offruti?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rifużjoni tal-Mediċina tal-IVF daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022 għal ġenituri prospettivi li kienu jagħmlu l-proċeduri tal-IVF ġewwa MDH ART Clinic. B'effett mill-1 ta' Jannar 2023 żdiedu ukoll il-proċeduri medikament assistiti li kienu qed isiru fi kliniċi Maltin liċenzjati u reġistrati.
Ir-rifużjoni tal-mediċini tammonta għal total ta' €4,600.564.50, maqsuma kif ġej:
2022 - €384,262.18
2023 - €646,745.28
2024 - €916,902.81
2025 - €1,849.636.19
2026 - €803,018.04 (Jannar sa Ġunju)

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IVF – MEDIĊINI B'XEJN**

**570. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il koppja jew persuna single gawdiet mill-mediċini b'xejn tal-IVF?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn din il-miżura tar-Rifużjoni tal-mediċini preskritti għall-proċeduri ta' Riproduzzjoni Medikament Assistita, ibbenefikaw 2322 ġenituri prospettivi.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**L-IMTARFA – KAPPELLA TA' SAN OSWALD – RESTAWR**

**638. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istat attwali tal-Kappella ta' San Oswald fl-Imtarfa? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi pjanijiet biex din tiġi restawrata?

01/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SAN LEONARDU – XOGĦLIJIET**

**639. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm sewa x-xogħol li sar fi Triq San Leonardu, f'Ħaż-Żabbar, u kemm sewa x-xogħol biex it-triq terġa' tiġi fi stat tajjeb?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SAN LEONARDU – XOGĦLIJIET**

**640. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa x-xogħol li sar fi Triq San Leonardu, f'Ħaż-Żabbar, u kemm sewa x-xogħol biex it-triq terġa' tiġi fi stat tajjeb?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tindika għal liema xogħol li sar f'din il-parti tat-triq qed tirreferi għalih f'din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IX-XGĦAJRA – XOGĦOL INFRASTRUTTURALI**

**641. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol infrastrutturali fix-Xgħajra?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tindika għal liema xogħol qed tirreferi għalih f'din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – QTUGĦ TAL-ĦAXIX ĦAŻIN – TENDERS**

**642. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu tenders għall-qtugħ tal-ħaxix ħażin fir-Rabat, Malta, matul dawn l-aħħar tliet snin?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li l-Kunsill Lokali r-Rabat Malta ma ħariġx tenders għall-qtugħ ta' ħaxix ħażin matul dawn l-aħħar tlett snin.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – KUNSILL LOKALI – DIPARTIMENT TAT-TINDIF U L-MANUTENZJONI – SERVIZZI**

**643. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba l-Kunsill Lokali tar-Rabat, Malta ngħata servizzi mid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni matul dawn l-aħħar tliet snin?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Fl-1 ta' Ottubru 2024 ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Malta, u d-Dipartiment għat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex dan tal-aħħar jipprovdi servizz ta' tindif tat-toroq tal-lokal. Fil-preżent, id-Diviżjoni tipprovdi erbatax -il ħaddiem biex jipprovdu servizz ta' tindif fil-lokal. Barra minn hekk, id-Diviżjoni tieħu ħsieb tipprovdi servizzi ta' tindif waqt avvenimenti fil-lokal, primarjament il-festi.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**688. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**689. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**690. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**691. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**692. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba ser tingħata f'Seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**693. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**RAĦAL ĠDID – ĠNIEN PAWLU BOFFA – XOGĦLIJIET**

**794. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 103 u jgħid kemm kienet l-istima oriġinali tax-xogħlijiet li qed isiru fi Ġnien Pawlu Boffa, f'Raħal Ġdid u jekk sarx xi xogħol b'mod temporanju, jew b'xi mod ieħor, li sussegwentement inqala' jew se jkollu jinqala'? Jekk iva, x'inhi r-raġuni għal dan? Jista' jgħid ukoll kemm hija l-ispiża addizzjonali tax-xogħol li kellu jew se jkollu jsir minħabba f'hekk?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PBS – BULETTINI TAL-AĦBARIJIET – SOUND ON TAPE TA' POLITIĊI TAL-GVERN U TAL-OPPOŻIZZJONI**

**795. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 105 u jgħid kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Gvern fil-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS u kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Oppożizzjoni, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-aħħar ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll min kienu dawn il-politiċi u f'liema dati xxandru?

02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-missjoni editorjali tas-servizz pubbliku teħtieġ li l-PBS jirrapporta tħabbiriet nazzjonali u żviluppi li joħorġu mir-responsabbiltajiet ministerjali.
F'dan il-kuntest, ninsab informat li, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026, fil-bullettini tal-aħbarijiet tal-PBS ixxandru 532 sound on tape (SOTs) ta' membri tal-Gvern. Il-maġġoranza assoluta ta' dawn kienu marbuta mal-qadi tal-funzjonijiet ministerjali, fosthom tħabbir ta' policies, servizzi, skemi, proġetti u inizjattivi oħra, u mhux ma' attivitajiet ta' natura partiġġjana.
Ġejt informat ukoll li l-PBS rarament jinkludi SOTs meħuda waqt attivitajiet jew konferenzi politiċi mella' mill-Partit Laburista. Fil-fatt, matul l-istess perjodu xxandru żewġ SOTs meħuda f'dan il-kuntest.
Min-naħa l-oħra, il-PBS jirrapporta wkoll il-pożizzjoni tal-Oppożizzjoni, inklużi l-kritika u l-proposti tagħha, fl-istejjer li jkunu qed jiġu rrappurtati. Dawn jinkludu wkoll kummenti meħuda waqt konferenzi tal-aħbarijiet u attivitajiet politiċi organizzati mill-Partit Nazzjonalista. Fil-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026 ixxandru 66 SOTs minn membri tal-Partit Nazzjonalista.
Inżid li, filwaqt li jaqdi d-dover tiegħu li jirrapporta deċiżjonijiet u inizjattivi governattivi, il-PBS jassigura bilanċ editorjali b'rispett lejn ir-rappreżentanza parlamentari kif magħżula b'mod demokratiku mill-poplu. Dan isir ukoll permezz tal-programmi ta' ġrajjiet kurrenti u diskussjoni politika, li b'mod konsistenti jagħtu spazju ugwali kemm lill-Gvern kif ukoll lill-Oppożizzjoni sabiex jesprimu l-fehmiet u l-pożizzjonijiet tagħhom.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**L.S. 350.14 – PBS**

**796. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 106 u jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar sena, u kif infurmat mill-PBS stess, ma kien hemm ebda każ kif imsemmi fil-mistoqsija li qed tiġi ppreżentata.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 75 SENA – STATISTIKA**

**799. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 409 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 75 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 80 SENA – STATISTIKA**

**800. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 410 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 80 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA – STATISTIKA**

**801. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 412 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 60 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni 'l fuq minn 60 sena fid-dinja tax-xogħol żdied għal 31,460 fl-2026 minn 24,645 fl-2021. Din l-informazzjoni hija miġbura mill-formoli ta' bidu u tmiem ta' impjieg u iżjed informazzjoni dettaljata tinstab fit-tabella t'hawn taħt:

| 60+ | ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA – STATISTIKA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Jannar** |
| **Total** | **24,645** | **26,448** | **28,039** | **29,735** | **31,527** | **31,460** |

Seduta Numru 8
07/07/2026

**KOPERATTIVI – KONTIJIET – SENA 2024 U 2025**

**811. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 401 u jgħid kemm-il koperattiva preżentat il-kontijiet tagħha għas-sena 2024 u kemm-il koperattiva preżentat il-kontijiet tagħha għas-sena 2025?

02/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi 59-il koperattiva ssottomettew il-kontijiet tagħhom għas-sena 2024 u 16-il koperattiva ssottomettew il-kontijiet tagħhom għas-sena 2025.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**SERVIZZI TAL-LPTS – PERMESSI TA' ŻVILUPP**

**812. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' permessi ta' żvilupp maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-faċilitajiet tal-iggaraxxjar għas-servizzi tal-Light Passenger Transport System (LPTS), li huwa rekwiżit għal-liċenzja tal-operatur indikati minn operaturi li għandhom minn 30 vettura 'l fuq u jindika l-indirizz tal-faċilitajiet tal-iggaraxxjar ta' kull operatur?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**INFRASTUCTURE MALTA – MIŻURI – TIBDIL FIL-KLIMA**

**834. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji (policies u tekniċi) dwar x'miżuri qed tieħu Infrastructure Malta fil-proġetti tagħha fir-rigward tat-tibdil fil-klima u sabiex is-sistema infrastrutturali tagħna tkun iktar reżiljenti?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IS-SERVIZZ PUBBLIKU – IMPJIEGI – PERSUNI B’DIŻABILITÀ**

**835. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni b'diżabilità huma impjegati fis-Servizz Pubbliku u x'miżuri qed jittieħdu biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg għalihom?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI IMPJEGATI F’MALTA**

**836. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna hija impjegata f'Malta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bejn ċittadini Maltin, ċittadini tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' pajjiżi terzi?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f' seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2024**

**837. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol matul is-sena 2024, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2025**

**838. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol matul is-sena 2025, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PERSUNI LI ĦARĠU MIS-SUQ TAX-XOGĦOL – SENA 2026**

**839. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ħarġet mis-suq tax-xogħol fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kawża ewlenija, inkluż irtirar, emigrazzjoni u raġunijiet oħra?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**INJECTION OZEMPIC**

**845. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm pazjenti li bbenefikaw mill-injection Ozempic b'xejn, minn meta ddaħħlet fil-formularju?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta tħabbar f’April li għadda li l-Gvern jinsab fi stadju avvanzat sabiex jintroduċi terapiji bbażati fuq GLP-1 agonists, kompliet issir il-ħidma meħtieġa biex din l-inizjattiva titwettaq b’suċċess. Il-proċess ta’ implimentazzjoni sabiex dawn l-injezzjonijiet ikunu introdotti fil-formularju tal-Gvern għaddej b’mod strutturat u bl-isforzi kollha sabiex dan il-pass importanti, li mistenni jolqot madwar elfejn pazjent fil-fażijiet inizjali tiegħu, jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**INJECTION OZEMPIC – REKWIŻITI**

**846. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma r-rekwiżiti biex persuna tingħata l-injection magħrufa bħala 'Ozempic' b'xejn mill-formularju?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel pass ta’ din l-istrateġija relatata mal-użu tal-GLP-1 agonists, huwa ffukat fuq pazjenti bid dijabete tat Tip II (T2DM) li qed jiffaċċjaw l-isfidi serji tal-obeżità severa b’ Body Mass Index (BMI) ta’ 40 jew iktar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MRI – APPUNTAMENTI**

**847. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni jistennew għal appuntament ta' MRI?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fil-preżent hemm 76 pazjent li ilhom jistennew aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti. Ikun hemm bosta raġunijiet għala il-perjodu ta' stennija jkun itwal minn dak stipulat. Imma nserraħ ras l-Onor. Interpellant li kull talba għall-MRI urġenti issir fl-iqsar żmien possibbli.
Il-Gvern illum joffri tliet MRIs fl-Isptar Mater Dei li qed jaħdmu 24 siegħa kuljum, 7 t'ijiem fil-ġimgħa. Introduċejna MRI fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, servizz tal-MRI fiċ-Ċentru Ċensu Moran u servizz ta' MRI fir-Residenza San Vinċenz.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MRIS**

**848. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru MRIs minn Jannar sa Lulju 2026, maqsuma xahar b'xahar u skont kull magna li qed tintuża bħalissa fis-settur pubbliku?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt. Infakkar li l-Gvern illum joffri tliet MRIs fl-Isptar Mater Dei li qed jaħdmu 24 siegħa kuljum, 7 t'ijiem fil-ġimgħa, servizz ta' MRI fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, servizz tal-MRI fiċ-Ċentru Ċensu Moran u magna tal-MRI fir-Residenza San Vinċenz.

| | GOZO MRI | MDH MRI (1/2/3) | Vincent Moran MRI | SVPR MRI | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Total (Jan – July 2026) | 5,250 | 18,289 | 1,102 | 651 | 25,292 |

Seduta Numru 8
07/07/2026

**OPERAZZJONIJIET RELATATI MAL-IRKOPPA**

**849. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru operazzjonijiet relatati mal-irkoppa f'dawn l-aħħar tliet xhur, maqsuma bejn dawk magħmula fl-isptarijiet pubbliċi u dawk li qed jsiru fil-privat imħallsa mis-settur pubbliku?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' operazzjonijiet relatati mal-irkoppa rreġistrati li saru bejn Jannar u April 2026, jidhru fit-tabella hawn taħt:

| Total Number of Procedures performed at MDH & Outsourced in the Private Sector | |
|---|---|
| *Descriptive category* | Jan-April 2026 |
| Total knee replacement | 366 |
| Revision of knee replacement | 10 |
| Arthroscopy (with or without meniscectomy, cruciate surgery or other procedures) | 312 |

Seduta Numru 8
07/07/2026

**KNEE REPLACEMENT – APPUNTAMENTI**

**850. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għal knee replacement?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 413-il pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**RESIDENZA SAN VINCENZ DE PAULE - SIR TEMI ZAMMIT - SPTAR ĠDID**

**876. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jitlesta l-isptar il-ġdid Sir Temi Zammit fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' wkoll jagħti time line sħiħ ta' dan il-proġett?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li t-tender ġie ppubblikat fix-xhur li għaddew.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ANZJANI LI GĦANDHOM 'LIVE-IN CARER'**

**877. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-wegħda li saret fil-manifest elettorali 'Int Malta' li l-għajnuna li tingħata mill-Gvern lill-anzjani li għandhom 'live-in carer' ser titla' għall-paga minima nazzjonali, hijiex ser tiżdied mill-Baġit li ġej?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħsieb tal-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità huwa li tipproponi żieda fl-għajnuna finanzjarja għall-baġit tas-sena 2027 għall-anzjani li għandhom 'Carer at Home.'

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ANZJANI LI JGĦIXU FIL-KOMUNITÀ - MONITORAĠĠ GĦAD-DIJABETE**

**878. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta u kif ser tkun qed titwettaq il-wegħda tal-Manifest Elettorali 'Int Malta' li l-anzjani kollha li jgħixu fil-komunità u għandhom id-dijabete se jkunu qegħdin jiġu mmonitorjati?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità nediet proġett pilota ta' Home Diabetes Management għall-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom imma jgħixu fil-komunità u li għandhom id-dijabete. Il-proġett pilota beda f'Marzu 2026 u sal-lum diġà bbenefikaw minnu aktar minn 40 anzjan. Il-proġett issa ser ikompli jespandi billi jkun hemm monitoraġġ, edukazzjoni u appoġġ personalizzat fid-djar tal-klijenti, biex b'hekk jiġi estiż is-servizz.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ANZJANI LI GĦANDHOM 'L FUQ MINN 80 SENA - SMART WEARABLE DEVICES**

**879. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed jitqassam l-ismart wearable device lill-anzjani li għandhom 'l fuq minn 80 sena u jgħixu waħedhom u lil dawk li qegħdin jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani? Jista' jagħti d-dettalji ta' kif ser ikun qed jiffunzjona dan l-apparat u jekk l-anzjani humiex ser iħallsu għalih? Jekk iva, jista' jgħid kemm ser ikun il-ħlas?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità tinsab fil-fażi ta' ppjanar ta' din l-inizjattiva, li tinkludi l-identifikazzjoni tat-tip ta' wearables li ser jintużaw, analiżi dettaljata tal-interfacing meħtieġ mas-sistemi eżistenti, u kif ukoll kif ser issir l-implimentazzjoni tas-servizz.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA - KUNTRATT TA' PRIVATIZZAZZJONI**

**914. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-kuntratt dwar il-privatizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza għadux fis-seħħ jew jekk skadiex?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt dwar l-'Outsourcing of Emergency Services' għadu viġenti.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA - KUNTRATT TA' PRIVATIZZAZZJONI - SPIŻA**

**915. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm sewa lill-Gvern il-kuntratt dwar il-privatizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA - KUNTRATT TA' PRIVATIZZAZZJONI**

**916. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-kuntratt dwar il-privatizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza skadiex jew ġiex itterminat? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx l-intenzjoni li dan jiġġedded jew jinħareġ kuntratt ġdid?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 914.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**ESTENSJONI TAD-DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA U L-BINI TAL-ACUTE PSYCHIATRIC UNIT**

**917. L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-kuntratt relatat mal-estensjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza u l-bini tal-Acute Psychiatric Unit hux se jiġi onorat u implimentat skont il-ftehim?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**IN-NAĦA T'ISFEL TA' MALTA – IRWEJJAĦ IRRAPPURTATI**

**918. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-irwejjaħ li ġew irrappurtati f'diversi lokalitajiet fin-naħa t'isfel ta' Malta lejn l-aħħar ta' Mejju, tista' l-Ministru tgħid:

i. x'kien eżattament is-sors tal-emissjonijiet fis-sit inkwistjoni;
ii. kemm saru spezzjonijiet fis-sit inkwistjoni u f'liema ġranet saru;
iii. kemm daħlu rapporti mingħand residenti u minn liema lokalitajiet saru dawn ir-rapporti;
iv. x'passi ttieħdu sabiex jiġi żgurat li ma jerġgħux iseħħu każijiet simili; u
v. jekk tistax tagħti garanzija lir-residenti li ma saritilhomx ħsara f'saħħithom?

03/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 426, ninforma lill-Onor. Interpellant illi bejn l-14 t'April 2026 u d-9 ta' Ġunju 2026, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) rċeviet 75 rapport minn lokalitajiet differenti li jinkludu Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, il-Fgura, l-Isla, Bormla, l-Birgu, Santa Luċija u l-Marsa.

Bħala parti mill-investigazzjoni, l-ERA wettqet 17-il spezzjoni fil-ġranet indikati hawn taħt:

14/04/2026
22/04/2026
04/05/2026
20/05/2026
22/05/2026 filgħodu
22/05/2026 filgħaxija
23/05/2026
24/05/2026
26/05/2026 filgħodu
26/05/2026 filgħaxija
27/05/2026 filgħaxija
27/05/2026 billejl
28/05/2026 filgħodu
28/05/2026 filgħaxija
28/05/2026 billejl
01/06/2026
09/06/2026

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MFSA – PENALITAJIET FINANZJARJI**

**921. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: B'referenza għar-rapport annwali tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) li jkopri l-2025, fejn ġie rrappurtat li ġew imposti €570,673 bħala penalitajiet finanzjarji, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn l-penalitajiet tħallsu, u kemm minnhom ġew ikkontestati?

03/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi rigward il-penalitajiet amministrattivi imposti fis-sena 2025 li kienu 68 u li ammontaw għas-somma ta' €570,673. Tmienja u ħamsin minn dawn il-penalitajiet amministrattivi kienu mħallsa u ħamsa mill-penalitajiet amministrattivi imposti fis-sena 2025 kienu appellati. Hemm ħames penalitajiet oħra li ma ġewx appellati iżda li għadhom ma tħallsux u rigward dawn l-MFSA bdiet jew qiegħda fi stadju li tibda l-proċedura ta' rkupru ta' dejn skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Informazzjoni rigward kull azzjoni ta' infurzar meħuda mill-MFSA hija disponibbli pubblikament fuq is-sit tal-MFSA skont l-Artikolu 16(8) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u wkoll skont l-Publication policy tal-Awtorità.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**AMBJENT MALTA, PROJECT GREEN U ENTITAJIET OĦRA – UFFIĊJALI TAS-SIGURTÀ**

**922. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kif joperaw l-uffiċjali tas-sigurtà impjegati taħt Ambjent Malta, Project Green u entitajiet oħra li jaqgħu taħtha li huma responsabbli mis-sigurtà u l-manutenzjoni ta' parks, ġonna u soft areas? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' shift joperaw, kemm ikun hemm uffiċjali tas-sigurtà f'kull shift, u jekk dan japplikax għax-shifts kollha u għal parks u l-areas kollha?

03/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PANNELLI SOLARI**

**923. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pannelli solari installati fuq skejjel u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, id-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġiet installata, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**PANNELLI SOLARI**

**924. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pannelli solari installati fuq entitajiet kulturali, mużewijiet u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, id-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġiet installata, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-informazzjoni qiegħda tiġi miġbura u tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU**

**925. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern huwiex konxju mill-istat perikoluż li fih tinsab il-Maħras ta' Tabibu fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar, u x'azzjoni immedjata ttieħdet jew ser tittieħed sabiex tiġi evitata l-kollass ta' dan il-monument storiku?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat'

Seduta Numru 8
07/07/2026

**SULDATI TRASFERITI LEJN GĦAWDEX**

**931. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il suldat ġie trasferit lejn Għawdex, mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-persunal eliġibbli, kien hemm 13-il suldat residenti Għawdex, li minnhom 11 esprimew l-interess tagħhom li jiġu trasferiti għas-sub-unit ta' Għawdex.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**SULDATI BIEX JIĠU TRASFERITI LEJN GĦAWDEX - APPLIKAZZJONIJIET**

**932. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni kien hemm ta' suldati li xtaqu jiġu trasferiti Għawdex, mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-persunal eliġibbli, kien hemm 13-il suldat residenti Għawdex, li minnhom 11 esprimew l-interess tagħhom li jiġu trasferiti għas-sub-unit ta' Għawdex.

Seduta Numru 8
07/07/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

**KABINETT – NEFQA**

**W1. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ser jiġi jiswa l-Kabinett kull sena?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-manwal li qed inpoġġi fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**KABINETT – NEFQA**

**W2. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien sewa l-Kabinett f'kull leġislatura mill-2008 'il quddiem u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-estimi annwali li jitpoġġew kull sena fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W5. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma kienx hemm każi ta' fastidju sesswali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2025.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W6. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li kien hemm każ wieħed biss ta' fastidju sesswali f'wieħed mid-direttorati fid-dekasteru tal-Prim Ministru fl-2025. Fuq dan l-każ kienu ittieħdu il-proċeduri neċessarji.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W7. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma kienx hemm każi ta' fastidju sesswali fid-dekasteru tal-Prim Ministru fl-2024.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W8. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma kienx hemm każi ta' fastidju sesswali fl-entitajiet taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2024.

Seduta Numru 8
03/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W313. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026??

03/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W314. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W315. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entitajiet u d-Dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-offerti Dipartimentali u l-metodi ta' akkwist skont il-valur tal-kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W316. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W317. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor, Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli ghall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W318. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W319. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W320. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W321. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W322. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W323. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W325. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W326. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W327. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W328. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W329. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W331. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

**MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W333. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations

Seduta Numru 8
07/07/2026